MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 555/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Francis Cremona – ID 287184M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ hemm TALBA ghall-hlas ta’ elf, mija, erbgha u tletin Ewro disgha u ghoxrin centezmi (€1,134.29c) ghas-servizz telefoniku nru 21236034 u dawk televizivi nru 142504891/2 moghti mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

**Ra** r-RISPOSTA, wara n-notifika tat-talba permezz tal-affissjoni u stampa, li tghid li l-konvenut qed jikkontesta t-talba billi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

II PROVI

1. Jigi osservat, l-ewwelnett, li mal-AVVIZ hemm esebiti, bhalaDok A, dettalji dwar il-*quantum* mitlub.

2. **<u>Noel Scerri PL</u>**, ghas-socjeta' attrici xehed u esebixxa d-Dok NS (*a fol* 35 *et seq*). Dan *retention agreement*. Ifisser li qabel kien hemm ftehim ma persuna ohra (f'dal-kaz certu Saviour Attard) li ma kellux bzonn aktar is-servizz u li wara dan jghaddi ghand persuna ohra. Fuq id-Dok NS1 hemm il-firma F. Cremona (bl-ittri kbar taht) u anke nru tal-Karta ta' Identita'. Ovvjament, il-firma ma saritx quddiem ix-xhud li wera lill-Qorti (u l-kontro-parti) id-dok originali.

3. Propjament bhala prassi iz-zewg utenti jigu jiffirmaw u l-kopja tal-*agreement* li tikkoncerna lill-ewwel utent giet sussegwentement esebita bhala Dok NS1 (*a fol* 39-40). Ix-xhud ma kienx prezenti waqt dal-firmar.

4. **<u>Francis Crenona</u>** xehed li Saviour Attard jigi nannuh. Hu ma meliex il-formola esebita'. Il-fond Flat 8, 171 Triq S. Duminku, Valletta hu fejn joqghod hu. Dik F. Cremona mhiex il-firma tieghu.

5. In kontro-ezami qal li fil-fond imsemmi joqghod wahdu. Qatt ma gie nstallat telefon f'daru. Darba kellu tal-*easy line,* ma jafx meta. Meta ssemmietlu s-sena 2004 qal li ma jafx. Meta dahal fil-fond tan-nannu hu nehha t-telefon. Tal-*easyline* kien ihallas bil-card. "Jien kont u ghadni mal-Melita. Ma kellix servizz tal-GO". Ghandu internet u m'ghandux telefon *landline*.

6. Wara dan sar skamjar ta' Nota ta' Sottomissjonijiet bejn il-kontendenti. Beda l-konvenut (*a fol* 53-55) u wara wiegbet is-socjeta' attrici (*a fol* 59-60).

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li fir-rigward tad-Dok NS u NS1 l-affarijiet messhom saru ahjar. Dawn huma dokumenti bla data u ghalkemm fid-Dok NS tidher firma bil-kitba taht GO plc – C22334, ma rrizultax quddiem it-TRIBUNAL dik il-fima ta' min hi u fir-rigward tad-Dok NS1 hemm il-firma ta'

Noel Scerri li jiccertifika d-dokument bhala "vera kopja tal-origial". Fir-rgward tad-Dok NS il-firma msemmija tixbah lil dik certa ta' Noel Scerri fid-Dok NS1, imma t-Tribunal daqshekk biss jista jghid.

2. Il-konvenut jichad li hu dahal ghas-servizz telefoniku u televisiv imsemmi u b'mod l-iktar kategoriku jghid li l-firma F. Cremona mhiex tieghu. **Allegazzjoni serja bhal din** il-konvenut messu sostniha bi provi ohra. Hawn jigi notat li l-konvenut ma kkontestax in-numru tal-Karta tal-Identita' li hemm taht il-firma u l-isem b'ittri kbar.

3. Hawn ghadna xhieda, xejn rassikuranti, miz-zewg nahat. Mhux ta' min ma jatix piz ukoll lill-fatt li s-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi li jinfirxu fuq perjodu bejn l-01.11.04 u 1.05.09 (jew ahjar *bill dates*). Bil-konvenut jinqeda, skond is-socjeta' attrici u z-zmien ghaddej u l-hlas ma jsirx. It-TRIBUNAL ma tantx jiehu mpressjoni tajba ta' dan.

4. F'cirkostanzi bhal dawn it-TRIBUNAL ma jhossux soddisfatt li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha mqar fuq bazi ta' probabilta'

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL (1) **jichad** it-talba attrici u (2) dwar spejjes jiddeciedi li, fic-cirkostanzi dawn ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------